MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 103/2012

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Claire DEMANUELE [ID. Nru. 509673M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-7 ta’ Frar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta’ elf u tmien euro u hdax-il centezmi ta’ euro [€1,008.11] u dan wara li ppremettiet hekk:

“Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf u tmien ewro u hdax-il centezmu (€1,008.11) in konnessjoni ma’ 79390339 (AC51025581) u 79380883 (AC51025587).

Illi nterpellata diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir

din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 482/11”.

Ra li fis-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fl-20 ta’ Gunju, 2012 dehret il-konvenuta li stqarret bil-gurament taghha li hija ghandha taghti l-ammont miltub. L-istess konvenuta talbet lit-Tribunal sabiex hija thallas dan l-ammont f’pagamenti mensili ta’ tmenin euro (€80). It-Tribunal spjega l-import ta’ din id-decizjoni lill-konvenuta kemm bil-lingwa Maltija u kif ukoll bil-lingwa Ingliza u l-istess konvenuta ffirmat l-imsemmi verbal in konferma ta’ dan.

Ra li Dott. Keith Grech ghas-socjeta attrici rrimetta ruhhu ghad-decizjoni tat-Tribunal.

Illi ghalhekk, in vista ta’ din l-ammissjoni t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jghid li l-ammont huwa dovut u li l-konvenuta ghandha thallas dan l-iostess ammont.

Ghar-rigward tat-talba tal-konvenuta li hija thallas l-ammont dovut minnha f’pagamenti mensili ta’ tmenin euro (€80)-il wiehed, it-Tribunal jilqa t-talba, b’dan illi jekk hija tonqos imqar f’pagament wiehed allura hija titlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu li jkun ghad fdal jigi dovut f’daqqa.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf u tmien euro u hdax-il centezmi ta’ euro [€1,008.11], bl-imghax kif mitlub b’dan illi l-konvenuta ghandha thallas l-ammont dovut minnha f’pagamenti mensili ta’ tmenin euro (€80)-il wiehed, u f’kaz li hija tonqos imqar f’pagament wiehed allura hija titlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu li jkun ghad fdal jigi dovut f’daqqa.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------